# It-twelid

ILLUM se nissoktaw il-mixja tagħna fl-istorja sabiħa tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna. Ġimgħatejn ilu konna tkellimna dwar l-infanzja tas-sigurtà soċjali f'Malta, li kienet primarjament tikkonsisti f'taħlita ta' inizjattivi u miżuri meħudin fil-bidu minn terzi persuni, l-aktar filantropi (qabel l-1500), aktar tard mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann (1530-1885) u wara mill-Gvern u xi kategoriji ta' ħaddiema (1885-1955).

Konna semmejna kif l-iżviluppi li seħħew fil-bidu tas-Seklu 20 u anke r-rapport tal-Membru Parlamentari Ingliż, Bevedridge, wasslu għat-twelid tal-Welfare State f'Malta f'nofs is-snin 50. U appuntu llum se nagħtu ħarsa lejn dan l-iżvilupp li bla dubju ta' xejn kien il-pedament ewlieni li fuqu nbena l-istat soċjali Malti li għin mhux ftit biex il-poplu tagħna joħroġ mill-faqar ta' wara t-tieni gwerra dinjija u jgħolli l-livell tal-għixien tiegħu.

## Il-Welfare State

Qabel nitkellem dwar it-twelid tal-Welfare State, tajjeb li wieħed jifhem x'inhi l-filosofija wara dan il-kunċett. Il-Welfare State huwa spirat minn prinċipji ta' ugwaljanza, imsejsa fuq l-assigurazzjoni tal-ħarsien tad-drittijiet fondamental tal-bniedem u s-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet bażiċi tiegħu.

Li hu interessanti fil-kunċett ta' Welfare State, mill-lat politiku, huwa li b'xi mod dan jipprova jżewweġ l-ideoloġija kapitalista, soċjalista u liberalista flimkien. Dan minħabba li l-Welfare State twieled f'forma ta' stat kapitalista, ibbażat fuq il-prinċipji ekonomiċi tas-suq ħieles iżda taħt il-ħarsien tal-istat bħala amministratur, ko-finanzjatur u garanti tas-sistema.

Il-Welfare State f'Malta segwa l-istess triq ta' żvilupp fl-Ewropa, fil-każ partikolari tagħna fl-Ingilterra. L-ewwel pass kien li bdiet tingħata għajnuna pubblika lill-fqar. It-tieni pass kien aktar twil u varjat b'miżuri ta' assigurazzjoni soċjali (benefiċċji li jitħallsu lil min kien iħallas il-kontribuzzjonijiet) u miżuri ta' sigurtà soċjali aktar wiesa' (assistenza li min m'għandux mezzi biżżejjed u mhux f'pożizzjoni biex jgħajjex lilu nnifsu għax marid, diżabbli jew bla xogħol u allura ma jħallasx kontribuzzjonijiet). It-tielet pass kien l-espansjoni tas-servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali oħrajn, fosthom l-edukazzjoni li bdiet tkun ipproġettata bħala mezz ta' għixien futur u aktar diċenti, waqt li tgħin biex tnaqqas id-dipendenza fuq l-istat.

## Is-sigurtà soċjali (1956-1979)

Il-bidu tas-snin 50, raw it-twelid ta' skema mhux regolata ta' assistenza finanzjarja, li kienet magħrufa bħala r-'relief', skema li kienet tiggarantixxi għajnuna finanzjarja lil familji fil-bżonn li l-kap tagħhom ikun bla xogħol. Fil-fatt, huma ħafna llum li jirreferu għall-għajnuna soċjali bħala r-'relief'. Din l-iskema ma kinitx ibbażata fuq il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet iżda fuq x'mezzi għandu l-individwu jew il-kap tal-familja.

## Att dwar l-Assistenza Nazzjonali

Dan l-iżvilupp kien il-preludju għall-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali li daħal fis-seħħ fl-1956. Dan l-Att kien ipprovda għall-ogħti ta' assistenza soċjali u medika – din tal-aħħar kemm fi flus u kemm in natura (in kind). Għal din l-għajnuna kienu jikkwalifikaw il-kapijiet ta' familja li kienu jkunu bla xogħol u li jew kienu jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol jew ma jistgħux jaħdmu minħabba xi kundizzjoni fiżika jew medika,

# tal-Welfare State f'pajjiżna

sakemm il-mezzi tagħhom ma kienux jaqbżu ċertu livell. Kienet titħallas ukoll xi ħaġa żgħira addizzjonali lil min kien jgħix f'post mikri u jħallas il-kera. Dawk li kienu jkunu jsofru minn marda kronika kienu jingħataw kura medika b'xejn ukoll, irrispettivament mir-riżorsi tal-familja.

Li kien interessanti f'dan l-Att kien li kien jipprovdi ukoll għall-kura istituzzjonalizzata għall-anzjani, kif ukoll għal kura u trattament b'xejn fl-isptarijiet u l-istituzzjonijiet kollha tal-Gvern, sakemm l-anzjan kien jissodisfa test tal-mezzi tiegħu.

## Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali

Proprju fl-istess żmien, iddaħħal fis-seħħ l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali. Dan l-Att ferm aktar wiesa' kien stabbilixxa skema komprensiva ta' assigurazzjoni soċjali iffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet imħallsin mill-ħaddiem, min iħaddmu u l-Istat. Dan l-Att kien ikopri firxa wiesa' ta' benefiċċji, għajnuniet u pensjonijiet.

Din l-iskema kienet obbligatorja fis-sens li kull min kien jaħdem u min iħaddmu, riedu jikkontribwixxu persentaġġ mill-paga imħallsa flimkien ma' sehem l-Istat. L-iskema kienet tkopri diversi kontinġenzi soċjali u kategoriji ta' nies bħal mard, korriment jew mard fuq il-post tax-xogħol, qgħad, romol, orfni, u anzjani. Biex wieħed jikkwalifika għal dawn il-benefiċċji, ried jissodisfa test tal-kontribuzzjonijiet imħallsin. Bl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali kien ġie abolit l-Att dwar il-Kumpens għall-Ħaddiema, li kont tkellimt dwaru ġimgħatejn ilu.

Dan minħabba li d-dispożizzjonijiet tiegħu kienu koperti kompletament fl-Att il-ġdid.

## Pensjoni għall-persuni neqsin mid-dawl

Nistgħu ngħidu li l-iżvluppi fis-sigurtà soċjali f'pajjiżna issa bdew mexjin b'ritmu mgħaġġel. Sena biss wara, fl-1957, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Pensjoni tal-Età kienu estiżi għal persuni nieqsin mid-dawl biex b'hekk kienet introdotta l-Pensjoni għall-Għomja, liema pensjoni kienet non-kontributorja u bbażata fuq test tal-mezzi identiku għal dak tal-Pensjoni tal-Età. Fil-bidu, din il-pensjoni kienet titħallas lil min kellu aktar minn 40 sena iżda fl-1962, l-età tniżżlet għal 14-il sena li dak iż-żmien kienet l-età li fiha t-tfal kienu jispiċċaw mill-iskola.

## Pensjoni għall-invalidità

Fl-1965, fl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali kienu nklużi wkoll il-persuni li jaħdmu għal rashom jew li ma kienux impjegati ma' xi ħadd. Dan wassal biex dan l-Att issa beda jkopri tista' tgħid lill-popolazzjoni kollha Maltija u Għawdxija. Fl-istess sena kienet introdotta wkoll il-Pensjoni kontributorja għall-Invalidità.

## Il-bonus annwali, l-allowance tat-tfal u l-pensjoni għall-persuni b'diżabilità

Fl-1972, il-Gvern daħħal għall-ewwel darba il-ħlas ta' bonus annwali lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali u lil dawk li jirċievu l-għajnuna soċjali. Fil-bidu dan il-bonus beda jitħallas 'ex-gratia' iżda xi snin wara kienu ddaħħlu dispożizzjonijiet fl-Atti imsemmijin fuq li effettivament irregolaw il-ħlas ta' dan il-bonus fil-liġijiet tagħna.

Fl-1974, kienet introdotta għall-ewwel darba l-iskema tal-Allowance tat-Tfal. Għalkemm din l-iskema kienet inkluża fl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, fir-realtà l-ħlas ta' dan il-benefiċċju ma kienx jiddependi fuq il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet. Fil-fatt l-iskema kienet tipprovdi għal rati fissi ta' ħlas għall-ewwel tlett itfal fil-familja li kellhom inqas minn 16-il sena.

Fl-istess sena, iddaħħlet ukoll għall-ewwel darba l-Pensjoni għall-Persuni b'Diżabbiltà. Din il-pensjoni kienet non-kontributorja u kienet estiża ftit taż-żmien wara biex tkopri persuni li kienu jsofru minn diżabbiltà mentali severa jew paraliżi ċerebrali. Dawn id-dispożizzjonijiet kienu estiżi mill-ġdid fl-1975, biex ikunu inklużi persuni b'diżabbiltà fiżika severa.



Minn MARK MUSÙ,
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali

## Pensjoni taż-Żewġ Terzi

Bla dubju ta' xejn, l-1979 rat wieħed mill-aktar żviluppi importanti fl-istorja tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna. F'Jannar ta' dik is-sena ddaħlet fis-seħħ skema ġdida ta' pensjonijiet kontributorji li rrivoluzzjonat il-mod kif titħallas il-pensjoni kontributorja tal-irtirar u tar-romol.

Fil-fatt, sa qabel l-1979, il-pensjonijiet kontributorji tal-irtirar u tar-romol kienu bbażati primarjament fuq kemm il-persuna tkun ħallset kontribuzzjonijiet u skont dan imbagħad titħallas rata li tvarja biss skont il-persuna mhix miżżewġa jew tgħix waħedha u skont il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsin.

Iżda dan inbidel fl-1979, meta għall-ewwel darba kienet introdotta din l-iskema li l-pensjoni imħallsa taħtha ma kinitx tiddependi biss fuq kemm tħallsu kontribuzzjonijiet iżda wkoll fuq is-salarju jew paga li l-persuna kellha qabel l-irtirar. Pari passu ma' dan kien introdott l-istess prinċipju fil-każ tal-pensjoni tar-romol (dak iż-żmien għan-nisa biss) bid-differenza li dan kien japplika skont il-kontribuzzjonijiet imħallsin u s-salarji tar-raġel li jkun għadu kif miet. Naturalment dawn il-pensjonijiet kienu inklużi fl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

Il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi tissejjaħ hekk, għax fil-prinċipju, il-persuna tirċievi bħala pensjoni l-ekwivalenti ta' żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli. Fil-każ tal-pensjoni tar-romol, il-persuna tirċievi ħames sesti (5/6) taż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tar-raġel. Dwar dan, u dwar il-varjazzjonijiet li jeżistu fil-mod kif tinħadem il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi, ikolli l-okkażjoni li nidħol f'aktar dettall fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Tajjeb, iżda, li nsemmi li fl-istess waqt li fl-1979 tbiddel il-mod kif bdiet titħallas il-pensjoni tal-irtirar, kellu jitbiddel ukoll il-mod ukoll kif jitħallsu il-kontribuzzjonijiet. Fi kliem ieħor, anke r-rati tal-kontribuzzjonijiet imħallsin minn dawk impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom bdew ivarjaw skont id-dħul jew is-salarju tal-individwu.

U anke minħabba l-fatt li issa r-rata tal-pensjoni bdiet tvarja skont id-dħul tal-persuna, kienet introdotta wkoll il-Pensjoni Minima Nazzjonali li kienet tiggarantixxi livell minimu ta' pensjoni lil min kien ikun ħallas il-kontribuzzjonijiet kollha iżda d-dħul tiegħu kien jaqa' taħt ċertu livell.

Għal-lum nieqaf hawn. Ħmistax oħra nkomplu din il-mixja storika tagħna billi ngħatu ħarsa lejn l-iżviluppi l-aktar riċenti fis-sigurtà soċjali f'pajjiżna, mill-bidu tas-snin 80 'il hawn.



**1948** – L-Att dwar il-Pensjoni tal-Eta'

**1956** – L-Att dwar is-Sigurta' Nazzjonali – introdotti firxa wiesa' ta' benefiċċji, għajnuniet u pensjonijiet kontributorji

**1956** – L-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali – introdotta l-għajnuna soċjali u medika

**1957** – L-Att dwar il-Pensjoni tal-Eta' estiż għal persuni nieqsa mid-dawl ta' 'l fuq minn 40 sena (fl-1962 imniżżla għal 14-il sena)

**1965** - L-Att dwar is-Sigurta' Nazzjonali estiż għal persuni li jaħdmu għal rashom u ntrodotta l-Pensjoni għal Invalidita'

**1972** – Introdott Bonus Annwali għall-pensjonanti u dawk li jieħdu l-għajnuna soċjali

**1974** – Introdotta l-Allowance tat-Tfal

**1974** – Introdotta l-Pensjoni għal Persuni b'Diżabilita'

**1979** – Introdotta l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi u l-Pensjoni Minima Nazzjonali

**1979** – Ir-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali ikkalkulata skond id-dħul jew salarju

Issa ngħaddi għal mistoqsija li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Anthony Gatt miż-Żejtun staqsa: "Jien naħdem għal rasi u dejjem inħallas il-bolla regolari. Ftit ilu kont marid għal ftit żmien u ma stajtx immur għax-xogħol. Għamilt iċ-ċertifikati, iżda bagħtu jgħiduli li m'iniex initolat għax ma ħallastx bolol. Jien dejjem ħallastha l-bolla. X'nista' nagħmel?"

Filwaqt li nirringrazzja lis-Sur Gatt tal-mistoqsija tiegħu, infakkar li kemm jista' jkun ma nagħmlux mistoqsijiet fuq każi personali għax jien prekluż mill-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data u mill-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li nagħti informazzjoni privata fil-pubbliku. Madankollu f'dan il-każ, mingħajr ma nidħol fl-aspetti privati tal-każ, se nagħti informazzjoni ġenerali dwar għaliex il-qarrej tagħna seta' rċieva din ir-risposta u x'jista' jagħmel.

Tajjeb li nispjega li l-benefiċċju indikat f'dan il-każ hu l-Benefiċċju għall-Mard. Dan huwa benefiċċju kontributorju li skont il-11-il Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, biex persuna tikkwalifika għalih trid:

(a) tkun ħallset mhux inqas minn 50 kontribuzzjoni kemm ilha taħdem; u li

(b) tkun ħallset jew kellha akkreditati mhux inqas minn 20 kontribuzzjoni fl-aħħar sentejn sħaħ kontributorji mis-sena ta' qabel issir it-talba.

Mela, f'dan il-każ qed nassumi li dan il-ħabib tagħna jissodisfa l-ewwel kundizzjoni għax ħallas mill-inqas 50 kontribuzzjoni (kważi sena sħiħa). X'aktarx allura li rċieva risposta negattiva għax minkejja li skont mhu qed jgħid, attwalmwent huwa ħallas dawn il-kontribuzzjonijiet, fir-rekords tagħna jidher li ma ssodisfax it-tieni kundizzjoni, dik li ried ikollu mħallsin mill-anqas 20 kontribuzzjoni fis-sentejn sħaħ kalendarji ta' qabel għamel t-talba (probabbli f'dan il-każ l-2008 u l-2009).

Dan jiġri minħabba li kif jaf is-Sur Gatt u jafu dawk li jħaddmu u dawk li jaħdmu għal rashom, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma jitħallsux fid-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali iżda fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Għalhekk l-informazzjoni dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet ma tasalx fid-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali direttament u fil-ħin li dawn jitħallsu.

Fil-fatt wara li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni jagħmel il-proċessi tiegħu biex jaġġorna r-rekords tiegħu skont il-kontribuzzjonijiet li jkunu tħallsu, jibda imbagħad proċess elettroniku pjuttost laborjuż li bih l-informazzjoni li għandu d-Dipartiment tat-Taxxi Interni fir-rigward tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet titqabbel ma' dik li għandha d-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali biex eventwalment isir it-trasferiment tal-informazzjoni u r-rekords tagħna jiġu aġġornati bil-ħlasijiet li jkunu saru.

Wieħed hawn irid japprezza li dan il-proċess jikkonċerna lil dawk kollha li jaħdmu f'Malta u Għawdex u għalhekk qegħdin nitkellmu dwar il-ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet ta' madwar 170,000 persuna. Għalhekk ġieli jkun hemm dewmien fl-aġġornar tar-rekords tagħna u li jwasslu biex, speċjalment jekk it-talbiet isiru fil-bidu tas-sena, 'prima facie' toħroġ risposta negattiva.

Madankollu f'każ bħal dan, ġaladarba l-persuna jkollha evidenza dokumentata (riċevuti, 'slips' tal-paga, FS3 u aktar) li l-kontribuzzjonijiet effettivament ħallsithom kulma tkun trid tagħmel hu li tippreżenta l-evidenzi msemmijin u d-deċiżjoni tkun rieduta. Il-preżentazzjoni ta' din l-evidenza tista' ssir jew permezz ta' ittra lid-Direttur (Benefiċċji) fid-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali fejn wieħed jispjega fil-qosor il-każ u jagħmel it-talba tiegħu, inkella billi jżur wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex u jagħmel it-talba tiegħu hemmhekk.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont, A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fuq **ittri@unionprint.com.mt**. Il-mistoqsijiet ma jridux ikunu dwar każi privati jew personali.*

*IMPORTANTI: L-informazzjoni f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan tagħha huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fl-indirizz social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-dipartiment f'Malta u Għawdex jew iċċempel fuq in-numru 159.*